**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1594/01 AJD**

**Anthony Cassar**

**vs**

**Mario Sapiano u Jacqueline Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00), rapprezentanti zewg pagamenti akkont, formanti parti minn somma akbar dovuta, pagabbli kull sitt xhur b'dawk pretizi rapprezentanti l-iskadenzi ta' Gunju, 2001, u Dicembru, 2001, fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) il-wiehed, kif miftiehem u stipulat fl-iskrittura ta' l-14 ta' Lulju, 2000.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-'boat' li xtraw minghand l-attur hija afflitta b'diversi difetti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2002, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra li l-konvenuti naqsu milli jidhru u milli jipprezentaw provi intizi sabiex jissostanzjaw l-eccezjonijiet minnhom sollevati u dan nonostante l-fatt li l-kawza giet differita diversi drabi sabiex huma jressqu l-provi taghhom.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attur qed jitlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00), rapprezentanti zewg pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) dovuti ai termini ta' skrittura privata datata 14 ta' Lulju, 2000. Minn din l-iskrittura (vide fol. 19) u mix-xhieda tal-attur, jirrizulta li dan tal-ahhar biegh lanca lill-konvenut Mario Sapiano ghall-prezz ta' ghaxar telef lira Maltin (Lm10,000.00). Hames telef lira Maltin (Lm5,000.00) thallsu mal-bejgh u l-bilanc kellu jithallas f'pagamenti rateali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) kull sitt xhur. Il-konvenut Sapiano hallas biss l-ewwel wiehed minn dawn il-pagamenti akkont u l-attur f'din il-kawza qed jitlob il-kundanna ghall-hlas tal-pagamenti li saru dovuti f'Gunju, 2001, u f'Dicembru, 2001.

2. Illi l-konvenut fir-risposta tieghu jghid li dawn il-pagamenti m'humiex dovuti stante li l-lanca li nbieghet lilu mill-attur hija afflitta b'diversi difetti, izda huwa la deher u lanqas ressaq provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni.

3. Illi l-attur prova soddisfacentement li l-pagamenti msemmija ma sarux mill-konvenut u ghalhek ghadhom dovuti.

4. Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) huwa dovut biss mill-konvenut Mario Sapiano stante li minn ezami tal-iskrittura relattiva ma jirrizultax li l-konvenuta Jacqueline Azzopardi kienet parti fil-kuntratt ta' bejgh.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenuta Jacqueline Azzopardi mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Mario Sapiano u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut Mario Sapiano skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**